Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL- ĦAMES LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il- Ħamis, 16 ta' Lulju 2015

**Ħin:** Mill-4.00pm sat-7.00pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat (5.30pm)
Is-Sur Joe Galea

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Daniel Muscat ser jiġi tard għal-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tielet laqgħa ta' nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2015, minuti tat-Tielet laqgħa aġġornata li saret nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2015 kif ukoll tar-Raba' laqgħa li saret b'urġenza(mozzjoni) nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li ssir korrezzjoni fil-minuti tar-Raba' laqgħa (mozzjoni) fejn *f'Item nru 1*, it-tielet paragrafu jizdied il-kliem u jinqara *" għaddejja diċerija dwar li l-Onor. David Agius għen lis- Sur Andre Grech biex jiġi elett...."* Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-refreshing fi Triq Birbal minn Transport Malta għaliex hija triq arterjali, għadu ma sarx minkejja diversi talbiet li għamel f'din l-aħħar sena biex isiru.

Is- Sindku Dr. Spiteri qal li waqt attivita huwa kellem lill-Onor. Ministru O. Bonnici u Segretarju Parlamentari l-Onor. S. Buontempo fejn fost affarijiet oħra tkellmu fuq din il-problema.

Il-Kunsillier Joe Galea qal li sadanittant huwa kellem lis- Sinjura Craus mill-Ministeru tax- Xogħolijiet u Trasport fuq din il-problema u qaltlu li ser tara li dawn isiru mill-aktar fiss possibbli. Fl-isfond ta' din il-komunikazzjoni, il-Kunsill ser jagħti ġimgħa oħra ċans u deċizjoni tittieħed minn hemm.

## 3. Komunikazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera

**Sindku Dr. Ian Spiteri**

Is-Sindku Dr. Spiteri qal li attenda għal-għotjiet ta' l-Iskema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta ta' librerija lokali fejn il-Kunsill ngħata s-somma ta' € 600. Din il-librerija ser tibda tiffunzjona minn Jannar li ġej.

Is-Sindku Dr. Spiteri infurma lill-Kunsill li b'rabta ma' petizzjoni li saret minn xi residenti biex ikun hemm linja tat-trasport pubbliku diretta lejn San Vincenz De Paule huwa ġie infurmat permezz ta' ittra oħra li bħala residenti jippretendu li l-Kunsill jorganizza dan it-tip ta'trasport b'mod regolari kulljum.

Is- Segretarju Ezekuttiv qal li din it-talba flimkien mal-petizzjoni ntbgħatet lil *Malta Public Transport* biex din it-talba tiġi kkunsidrata. Sadanittant is- Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex iġib tlett kwotazzjonijiet għal-kunsiderazzjoni tal-Kunsill dwar il-possibilita' li jiġi organizzat trasport privat darba fil-ġimgħa għal dawn ir-residenti.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri talab lis- Segretarju Ezekuttiv jekk bħala Kunsill jistax jagħmel talba ma' Transport Malta biex isir *residential timed parking* f' Triq San Frangisk u Triq L-Imdina minħabba ilmenti li qed isiru mir-residenti ta' dawk it-toroq.

Is- Segretarju infurmaħ li bhalissa Transport Malta għaddejja bir-riforma ta' dawn it-tip ta' *timed parking* u li bħalissa huwa kollox mizmum u mhu qed jinħarġu ebda tip ta' permessi f'dan ir-rigward.

Prezenti għal din il-laqgħa kien hemm il-kuntrattur James Cauchi, li kien inkarigat mill-installar tal-lanterni dekorattivi fil-lokalita' fejn ġiet diskussa il-problema li għandu Dr. R. Farrugia mal-kunsill f'dan ir-rigward u għamel mandat il-qorti biex il-lanterni fi Sqaq Nru 1, Triq Il-Kbira jinqalaw peress li qed jaffettwaw il-propjeta privata tiegħu.

Biex nevitaw li l-kawza l-qorti ma tkomplix titwal, il-kuntrattur ntalab li jbaxxi il-lanterna bi tlett filati pero' definittivament dawn ma jinqalawx.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ma qabilx ma din id-deċizjoni li din titbaxxa għaliex ser jinħoloq preċedent u qatt bħala Kunsill ma kellu għalfejn ikellem lir-resident.

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Is-Sur D. Zammit Marmara talab lill-Kunsill jistax isir xi ħaġa minħabba l-inkonvenjent li jezisti quddiem il-Hospice Movement fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima peress qed ikun hemm zewġ vannijiet tagħhom li qed jostakolaw xi parking bays.

Il- Sindku Dr. Spiteri ser ikellem lill- Hospice fuq din il-problema.

Is- Sur Desmond Zammit Marmara xtaq ikun jaf jekk kienx hemm xi zviluppi dwar ix-xelter ta' taħt Pjazza Bertu Fenech b'fondi ewropej u l-importanza li dan il-proġett jirnexxi.

Is- Sindku Dr. Spiteri wieġeb li huwa tkellem ma' xi klijenti high profiled fosthom il-Corinthia fuq il-possibilita' ta' koperazzjoni ta' natura arkeoloġika u dokumentazzjoni tax-xelter la darba tiġi miftuha.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk hemx il-ħsieb li Triq It-Tlett Knejjes tiġi pavimentata b'fondi ewropej.

Il-Viċi Sindku Andre' Grech fuq dan is-suġġett qal li qed jiġbor l-informazzjoni meħtiega fuq dawn iz-zewġ proġetti dwar il-possibilita' li jingħataw fondi għal dawn iz-zewġ proġetti.

**F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Zammit Marmara tkellem dwar il-bzonn li jsir l-infurzar fi Triq il-Ferrovija l-Qadima dwar sewqan eċċessiv.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri wieġeb li huwa fil-laqgħa tar-reġjuni tkellem mas- Sur David Soler dwar il-bzonn li jkun hemm aktar infurzar min naħa tal-wardens fil-lokalita'. Is- Sur Soler wieġeb formalment li kuljum qed issir ronda mill-wardens f'dan ir-rigward.

Is-Sur Zammit Marmara staqsa bħala Kunsillier inkarigat mill-anzjani jekk jistax jorganizza taħdita ġewwa il-lokalita' dwar il-bzonnijiet ta' l-anzjani fil-lokalita. Il-Kunsill approva unanimament.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq ilment dwar il-ħmieġ u rimi li reġa' qed ikun hemm fil-Bring In Sites u x'sar mill-kameras li ġew installati.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurmah li l-kameras huma funzjonabbli u f'kaz li jiġi rrapurtat li ġie mwaddab skart illegali jew abusiv, bhala kunsill inkunu f'posizzjoni li ninfurmaw lill-pulizija biex jittieħdu proċeduri legali fil-konfront ta'min qed jabbuza.

**<u>Il-Kunsillier Joe Galea</u>**

Is-Sur J.Galea ressaq tlett kwotazzjonijiet għal tibdil tal-bankina fi triq Idemejda, liema xogħol ser isir mill-handyman u l-ħaddiema tal-Kunsill. Il-kwotazzjonijiet kienu ta' **Joseph Tabone € 4,343.44**, **Central Asphalt Ltd € 1,634.30** u **Elbros Ltd** għas-somma ta' **€ 1,588.87.**

Il-Kunsill għazel u approva l-irħas offerta li kienet ta' Elbros Ltd.

**<u>Il-Kunsillier Daniel Muscat</u>**

Is- Sur Muscat ta' l-aħħar informazzjoni fuq il-preparamenti li qed isiru min-naħa tiegħu flimkien mas-sotto kumitat tal-kunstura fir-rigward ta' l-attivita' tal-11 ta' Settembru 2015 " Balzan Arts and Festival"

**<u>Il-Viċi Sindku Andre Grech</u>**

Il-Viċi Sindku staqsa lis- Segretarju jekk il-*continous line* li sar fi Triq Sisner huwiex konformi mal-liġi.

Is- Segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-parking bays u s-sinjali neċessarji saru skond il-*guidelines* ta' Transport Malta.

Il-Viċi Sindku talab li fi Triq Santa Marija kantuniera ma triq Il-Kbira għandu isir *slow sign* minħabba sewqan eċċessiv fi triq daqstant dejqa. Huwa qal li r-residenti talbu għal *sleeping policeman* pero' huwa jifhem li jekk isir dan waqt xi maltempata, l-għargħar ser jagħmlu ħsara lill-propjetajiet tar-residenti.

## 4. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4971:** MEMO 16/2015: Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku.

**Ittra Nru 4970**: *MEPA PA 2521/15*- Talba bix-ħanut fi Triq Il- Wied jinbidel f'garaxx li jagħti servizz ta' wheel alignment u bejgħ ta' spare parts. Il-Kunsill ser joġġezzjoni għal dan il-permess mitlub.

*MEPA PA 2336/15*- Estensjoni ta' sular fil-propjeta Mulin D'Or li ser tinbidel fi djar tax-xjuħ. – Il-Kunsill ser jitlob il-MEPA biex iserraħ moħħ ir-residenti li din l-addizzjoni mhux ser tkun ta' inkonvenjent għar-residenti fir-rigward tal-parkeġġ pubbliku.

**Ittra Nru 4965** : Talba mingħand Mark Sansone biex il-Kunsill jipprovdi 15 il-parking space fi Vjal de Paule. Il-Kunsill ser jitlob għal-kumpens minħabba din l-inkonvenjenza qabel ma joħroġ il-permess.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-16ta' Lulju 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 28,989.94

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 6. Tqegħid ta' dokumenti u rapporti

***Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet***

***Quot.- BLCQ 1/15- Doggie Bins***

Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet mitfugħa fuq xiri ta' ħmistax (15) il-doggie bins u installar f'diversi toroq ġewwa r-raħal. Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta ta' Anton Zarb għall-prezz totali ta' € 2000.10 peress li huma ta' kwalita tajba u prezz raġonevoli.

***Aġġudikazzjoni ta' Offerti***

***BLC 2/15- Ġbir ta' Skart Goff***

Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill kien iddeċieda li jieħu parir legali peress li fuq l-irħas offerta kienu nħarġu zewġ *default notices* bil-possibilita' li tingħata lit-tieni l-irħas offerta.

Il-parir li ngħata kien li jekk isir hekk, il-possibilita' tezisti li jsir appell u jinħela ħafna zmien.

Għalhekk il-Kunsill approva li dan it-tender jingħata lil Dimbros Ltd li kienet l-irħas offerta bi prova għal tlett xhur. F' kaz ta' l-ewwel ilment li jidħol, minnufih il-kuntratt jiġi mitmum u jingħata lit-tieni l-irħas offerta.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser isir nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 fit-8.30am

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data